TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 116/19/F

**Maria Carmela Camilleri**

**vs**

**Eleanore Bugeja Said u William Said – Marcon Group**

Illum, 3 ta' Diċembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Settembru, 2019 fejn ir-rikorrenti talbet danni mitejn, u sebgħa u ħamsin Ewro, u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (€257.25), rappreżentanti l-prezz ta' purtieri u rods, pero' wara li nxtraw u ngħataw is-sizes dawna ngħataw size ħażin.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendietx għas-seduta,

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet marret tordna purtieri mingħand id-ditta ntimata u tat il-kejl lis-salesgirl fil-ħanut u meta marret iddendel il-purtieri fid-dar, irriżulta li l-purtieri kienu ta' daqs itwal.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi minkejja li ppruvaw jissuġġerulha li ssir alterazzjoni, r-rikorrenti m'aċċettatx. Mandankollu s-soċjeta' ntimata offriet li tingħata credit note iżda r-rikorrenti m'aċċettatx, u għalhekk trid il-flus lura.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejjħa tliet darbiet, ma deheritx għas-seduta u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

It-Tribunal, jinnota li wara li l-kawża ġiet imħollija għad-deċiżjoni, s-soċjeta' ntimata ssottomettiet rikors sabiex terġa' tinstema', iżda t-talba ġiet miċħuda.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tagħha hija kredibbli u aċċettabbli, stante li jekk tordna purtieri ta' ċertu daqs, ma tingħatax purtieri ta' daqs differenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn, u sebgħa u ħamsin Ewro, u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (€257.25), u b'dan illi l-purtieri jiġu propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**